

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal- 27 ta' Frar 2006

dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' din ta' l-aħħar fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u fin-*Network* Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent

(2006/235/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2), l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (3) u l-Artikolu 300 (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) L-attivitajiet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-*Network* Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent, stabbiliti mir-Regolament (KEE) Nru 1210/90 tal-Kunsill ⁽²⁾, ġia ġew estiżi lejn pajjiżi Ewropej oħra permezz ta' ftehim bilaterali konklużi mill-Komunità, b' konsiderazzjoni tan-natura transkonfinali tal-kwistjonijiet ambjentali u l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam ta' l-ambjent.
- (2) Fl-20 ta' Lulju, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-parteċipazzjoni tagħha fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-*Network* Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent.
- (3) Soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, il-Ftehim ġie ffirmat fisem il-Komunità Ewropea fis-26 ta' Ottubru 2004.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Komunità.

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' din ta' l-aħħar fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-*Network* Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent huwa hawnhekk approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 20 tal-Ftehim fisem il-Komunità ⁽³⁾.

Artikolu 3

Il-Komunità għandha tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 16 tal-Ftehim.

Il-posizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità rigward id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b' maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għal kwistjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' l-Isvizzera u għal kull deroga sostanzjali li tirrigwarda l-inkorporazzjoni ta' atti ta' legislażjoni Komunitarja fl-Anness I u għal kull emenda għall-Anness III.

Għad-deċiżjonijiet kollha l-oħra tal-Kumitat Konġunt, inkluża l-inkorporazzjoni regolari ta' atti ta' legislażjoni Komunitarja fl-Anness I, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meh-tieġ, u kwistjonijiet relatati mal-funzjonament intern tal-Kumitat Konġunt, il-posizzjoni tal-Komunità għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, 27 ta' Frar 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

U. PLASSNIK

⁽¹⁾ Għada mhux pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*.

⁽²⁾ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1. "Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1641/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 245, 29.09.2003, p. 1)."

⁽³⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tkun pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.